

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2159

tas-16 ta' Diċembru 2020

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) u (b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistabbilixxi nomenklatura għall-merkanzija ("Nomenklatura Magħquda" jew "NM"), biex fl-istess waqt jissodisa r-rekwiżiati tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni, u tal-politiki oħrajin tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistabbilixxi wkoll Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea ("TARIC"), li tissodisa r-rekwiżiati tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern, il-politika kummerċjali, il-politika agrikola u politiki oħrajin tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-oġġetti.
- (3) Sabiex l-Unjoni timmonitorja l-istatistika relatata biss mal-importazzjoni ta' ogħġetti speċifiċi, il-ħolqien ta' subintestaturi statistiċi fit-TARIC huwa l-aktar għoddha xierqa; tali kodiċijiet statistiċi TARIC huma stabbiliti fl-Anness 10 "Kodiċijiet Statistiċi TARIC" tat-Tielet Parti "Annessi għat-Tariffa" tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.
- (4) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1369 (²) introduċa subintestaturi TARIC ġodda għall-maskri protettivi tal-wiċċi fl-Anness 10 tal-Parti Tlieta tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87. Sabiex jiġi żgurat li dawk il-kodiċijiet il-ġodda jiġu introdotti mill-ġdid fin-Nomenklatura Magħquda applikabbli mill-1 ta' Jannar 2021, jeħtieġ li jiġi emendat l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, billi dan irid jiġi emendat, b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, permezz tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 (³).
- (5) Is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 għadha għaddejja fl-Unjoni u l-Istati Membri qed ibatu biex iwaqqfu t-tixrid tal-COVID-19. Għalhekk, id-domanda għal-ċerti ogħġetti mediċi u l-użu tagħhom fl-Istati Membri, b'mod partikolari l-maskri protettivi tal-wiċċi, ir-reaġenti dijanjostiċi u l-kits dijanjostiċi, huma għoljin u qed jiżdiedu u x'aktarx jibqgħu għoljin fil-futur. L-importazzjonijiet ta' tali ogħġetti jiġib magħhom sfidi addizzjonali għall-awtoritajiet doganali.
- (6) Sabiex jiġi ffaċilitati u armonizzati l-kontrolli doganali fl-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni, huwa xieraq li jinħolqu subintestaturi TARIC addizzjonali, li jippermettu li l-prodotti kkonċernati jiġu distinti aktar malajr minn oħrajin taħt l-istess subintestatura, u b'hekk jittaffa l-impatt ta' dewmien possibbli fil-katina tal-provvista matul il-pandemija tal-COVID-19.
- (7) Meta titqies l-importanza tal-vaċċini tas-SARS-CoV-2, il-ħolqien ta' kodiċi NM ikun xieraq, sabiex tiġi mmonitorjata wkoll l-esportazzjoni tagħhom.
- (8) Jenħtieġ li jinħolqu subintestaturi TARIC addizzjonali sabiex jiġi żgurat monitoraġġ aħjar tal-flussi kummerċjali ta' maskri protettivi tal-wiċċi, ir-reaġenti dijanjostiċi u l-kits dijanjostiċi.

(¹) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1369 tad-29 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 319, 2.10.2020, p. 2).

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 tal-21 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 361, 30.10.2020, p. 1).

- (9) Tali subintestaturi addizzjonali tat-TARIC jiffaċilitaw ukoll l-implementazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/491 (⁴). Peress li l-maskri protettivi tal-wiċċ huma fost il-prodotti l-aktar importati, l-identifikazzjoni speċifika tagħhom fit-TARIC tippermetti proċess ta' dikjarazzjoni aktar mgħaġġel billi ssir distinżjoni bejn dawn il-prodotti u prodotti oħra jnli li bħalissa huma kklassifikati taħt l-istess subintestatura.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jiġi emendat skont dan.
- (11) Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu japplikaw l-emendi għan-Nomenklatura Magħquda stabbiliti f'dan ir-Regolament mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1577, sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-ġbir tad-data statistika għall-oġġetti rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u japplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-ġħada tal-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni
Fissem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni*

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/491 tat-3 ta' April 2020 dwar l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni u l-eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjonijiet tal-merkanzija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 matul l-2020 (ĠU L 103I, 3.4.2020, p. 1.)

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fit-Tieni Parti, it-Taqsima VI, il-Kapitolu 30, ir-ringieli tal-kodiċi NM 3002 13 00, 3002 14 00 u 3002 15 00 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3002 13 00	- - Prodotti immunoloġiċi, mhux imħallta, mhux ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew f'pakketti għall-bejħ bl-imnun (*)	Bla ħlas	-
3002 14 00	- - Prodotti immunoloġiċi, imħallta, mhux ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew f'pakketti għall-bejħ bl-imnun (*)	Bla ħlas	-
3002 15 00	- - Prodotti immunoloġiċi, ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew f'pakketti għall-bejħ bl-imnun (*)	Bla ħlas	-

(*) Il-kodiċijiet statistiċi TARIC: Ara l-Anness 10.”

- (2) Fit-Tieni Parti, it-Taqsima VI, il-Kapitolu 30, ir-ringiela tal-kodiċi NM 3002 20 00 hija sostitwita b'dan li ġej:

“3002 20	- Vaċċini għal mediciċina umana:		
★ 3002 20 10	- - Vaċċini kontra l-coronaviruses relatati mas-SARS (speċijiet tas-SARS-CoV)	Bla ħlas	p/st (*)
★ 3002 20 90	- - Oħrajn	Bla ħlas	-

(*) Doża (fil-każ ta' kontenituri b'ħafna dożi, doża għall-adulti)”

- (3) Fit-Tieni Parti, it-Taqsima VI, il-Kapitolu 38, ir-ringiela tal-kodiċi NM 3822 00 00 hija sostitwita b'dan li ġej:

“3822 00 00	Reġenti dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rifda, reġenti ppreparati dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rifda jew le, ġhajr dawk tal-intestatura 3002 jew 3006; materjali ta' referenza ċertifikati (*)	Bla ħlas	-
-------------	---	----------	---

(*) Il-kodiċijiet statistiċi TARIC: Ara l-Anness 10.”

- (4) Fit-Tieni Parti, it-Taqsima XI, il-Kapitolu 63, ir-ringieli tal-kodiċi NM 6307 90 93 u 6307 90 95 huma sostitwiti b'dan li ġej:

★ “6307 90 93	- - - - Partijiet ta' mal-wiċċfiltranti (FFP) skont EN149; maskri oħrajn li jikkonformaw ma' standard simili għall-maskri bħala apparat respiratorju protettiv li jipproteġi mill-partiċelli (*)	6,3	p/st
★ 6307 90 95	- - - - Oħrajn (*)	6,3	p/st

(*) Il-kodiċijiet statistiċi TARIC: Ara l-Anness 10.”

- (5) Fit-Tielet Parti, fl-Anness 10, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

“3002 13 00	- - Prodotti immunoloġiċi, mhux imħallta, mhux ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew f'pakketti għall-bejħ bl-imnun:		
3002 13 00 10	- - - Reġenti dijanjostiċi tat-tip użat fid-dianjożi ta' infelizzjonijiet tal-virus SARS-CoV		-
3002 13 00 90	- - - Oħrajn		-
3002 14 00	- - Prodotti immunoloġiċi, imħallta, mhux ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew f'pakketti għall-bejħ bl-imnun:		

3002 14 00 10	- - Reġenti dijanjostiċi tat-tip użat fid-dianjożi ta' infelizzjonijiet tal-ispeċijiet tal-virus SARS-CoV	-
3002 14 00 90	- - - Oħrajn	-
3002 15 00	- - Prodotti immunoloġiċi, ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut:	
3002 15 00 10	- - - Reġenti dijanjostiċi tal-ispeċijiet tal-virus SARS-CoV, kemm jekk fil-forma ta' kits u kemm jekk le	-
3002 15 00 90	- - - Oħrajn	-"

"3822 00 00	Reġenti dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rifda, reġenti ppreparati dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rifda jew le, għajr dawk tal-intestatura 3002 jew 3006; materjali ta' referenza ċertifikati:	
3822 00 00 10	- Reġenti dijanjostiċi tal-ispeċijiet tal-virus SARS-CoV, kemm jekk fil-forma ta' kits u kemm jekk le	-
3822 00 00 90	- Oħrajn	-"

	" - - - Maskri protettivi tal-wiċċ:	
6307 90 93	- - - - Partijiet ta' mal-wiċċfiltranti (FFP) skont EN149; maskri oħrajn li jikkonformaw ma' standard simili għall-maskri bħala apparat respiratorju protettiv li jipproteġi mill-partiċelli:	
	- - - - Drappijiet mhux minsuġin:	
	- - - - - Partijiet ta' mal-wiċċfiltranti FFP2 u FFP3 skont EN149 u maskri simili:	
6307 90 93 11	- - - - - Partijiet ta' mal-wiċċfiltranti FFP2 u FFP3 skont EN149	p/st
6307 90 93 19	- - - - - Oħrajn	p/st
6307 90 93 20	- - - - - Oħrajn	p/st
6307 90 93 90	- - - - - Oħrajn	p/st
6307 90 95	- - - - - Oħrajn:	
	- - - - - Drappijiet mhux minsuġin:	
	- - - - - Maskri mediċi tal-wiċċ skont EN14683; maskri oħrajn li jikkonformaw ma' standard simili għall-maskri mediċi tal-wiċċ:	
6307 90 95 11	- - - - - Maskri mediċi tal-wiċċ skont EN14683	p/st
6307 90 95 19	- - - - - Oħrajn	p/st
6307 90 95 20	- - - - - Oħrajn	p/st
	- - - - - Oħrajn:	
6307 90 95 91	- - - - - Magħmulu bl-idejn	p/st
6307 90 95 95	- - - - - Oħrajn	p/st"